**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 338 tad-9 ta' Diċembru 2015 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fl-aħħar seduta l-Onor. Ċensu Galea talab lis-Sedja biex tagħti direzzjoni, ossija *ruling*, fuq żewġ aspetti u qal hekk:

> "Sur President, kemm-il darba kien hawn deċiżjonijiet tas-Sedja li jgħidu li meta jiġi kkwotat dokument li jkun b'xi forma elettronika trid titqiegħed *hard copy* tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra. Irrid nagħmel referenza għal mistoqsija parlamentari 20644 li għamilt lill-Onor. Joe Mizzi, qed ikun hemm referenza għal dokument PA01238/15 u nitlob li titqiegħed kopja tal-pjanta fuq il-Mejda tal-Kamra.
>
> Irrid nagħmel referenza wkoll għal żewġ mistoqsijiet parlamentari oħrajn; waħda magħmula lill-Onor. Carmelo Abela u l-oħra magħmula lill-Onor. Joe Mizzi. Dawn iż-żewġ mistoqsijiet jirrigwardaw il-*clamping*. Xhur ilu diġà kienet qamet kwestjoni hawnhekk dwar liema Ministeru huwa responsabbli miż-żamma tal-*clamping* jew inkella mid-deċiżjonijiet tal-*clamping*. Issa l-Onor. Joe Mizzi llum fil-mistoqsija parlamentari 20643 qalli li dan huwa responsabbli minnu l-Kummissarju tal-Pulizija skont avviż, leġiżlazzjoni sussidjarja, 65/13. Għaġeb tal-għeġubijiet il-Ministru Carmelo Abela li wieġeb mistoqsija simili għal din l-istess mistoqsija qalli: Ħu paċenzja, mur għand il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali."

Il-Ministru Joe Mizzi, wara li l-Onor. Ċensu Galea għamel il-pożizzjoni tiegħu quddiem is-Sedja, qal hekk:

> "L-informazzjoni li tajt jien fil-mistoqsija parlamentari hija korretta; imxejt skont l-i*Standing Orders*."

Għall-mistoqsija parlamentari 20644 li tgħid:

> "Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema huma l-pjanti pubbliċi li jissemmew fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 20234? Liema waħda mill-pjanti pubbliċi ġiet użata biex isir l-aċċess neċessarju għall-inħawi tas-Salina?"

il-Ministru Joe Mizzi, fis-Seduta 337 tas-7 ta' Diċembru 2015 wieġeb hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proposta finali li Transport Malta ħejjiet għall-aċċess neċessarju għall-inħawi tas-Salina hija murija fil-pjanti li ġew sottomessi taħt l-applikazzjoni tal-MEPA PA 01238/15."

Is-Sedja kellha diversi *rulings* f'dan il-kuntest meta d-dokument li jkun qed isir referenza għalih ikun f'sit elettroniku, jew inkella jkun wieħed pubbliku. Infatti s-Sedja tagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija fis-Seduta 325 tas-16 ta' Novembru 2015 dwar punti mqajma mill-Onor. Robert Cutajar dwar mistoqsijiet parlamentari 20748 u 20749 fis-Seduta 323 tad-9 ta' Novembru fejn is-Sedja kienet qalet hekk:

> "Li l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb minn fuq sit elettroniku huwa dejjem rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja stampata tad-dokument u dan biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Membru Parlamentari għandu dejjem jiġi pprovdut b'direzzjoni dwar kif ikun jista' jasal hu għal dik l-informazzjoni pubblika rikjesta."

L-istess ingħad f'*ruling* ieħor mogħti mill-istess Sedja fis-Seduta 326 tas-17 ta' Novembru 2015 dwar punt imqajjem mill-Onor. Ryan Callus dwar mistoqsijiet parlamentari 6433 u 6693. Is-Sedja fuq il-kwestjoni tad-dokumenti pubbliċi qalet hekk:

> "Ladarba din issa ġiet spjegata fir-rapport uffiċjali, li tpoġġa fuq il-Kamra mis-Sedja wara li l-istess rapport ġie mgħoddi mill-Awditur Ġenerali lis-Sedja, dak li qal il-Prim Ministru fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 6693 huwa issa korrett kif indikat fir-rapport tal-Awditur Ġenerali."

*Ruling* ieħor li wkoll ingħata reċentement mis-Sedja fis-Seduta 329 tal-20 ta' Novembru 2015, fuq punt imqajjem mill-istess Onor. Ċensu Galea dwar mistoqsijiet parlamentari 20461 u 20462, li wkoll kienu jikkonċernaw lill-Ministru Joe Mizzi, is-Sedja qalet hekk:

> "...u li f'każ li l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb minn fuq sit elettroniku huwa dejjem rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja stampata tad-dokument u dan biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija u dan b'referenza għall-avviżi maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija li qed issir referenza għalihom fit-tweġiba għal din il-mistoqsija. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Membru Parlamentari għandu dejjem jiġi pprovdut b'direzzjoni dwar kif ikun jista' jasal hu għal dik l-informazzjoni pubblika rikjesta. Din id-direzzjoni, li diġà ġiet deċiża f'*rulings* preċedenti mis-Sedja preżenti, għandha tiġi dejjem segwita f'dawn it-tip ta' tweġibiet parlamentari."

Din il-proċedura ġiet ikkonstatata wkoll f'*ruling* li ngħata mill-Ispeaker l-Onor. Louis Galea fis-Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010 fejn huwa qal hekk:

> "F'każ li ssir referenza għal sit elettroniku hu rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja pprintjata tad-dokument f'każ li dan ikun raġjonevolment qasir, jew

> kopja f'format elettroniku, u dana biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija kif tkun teżisti f'dak il-mument."

Huwa għal hekk li s-Sedja, filwaqt li taqbel li l-Onor. Joe Mizzi kien korrett skont l-i*Standing Orders* fit-tweġiba tiegħu għal mistoqsija parlamentari 20644, xorta qiegħda tissolleċitah biex jimxi mad-direzzjoni aħħarija, speċjalment l-aħħar *ruling* li tat is-Sedja fis-Seduta 329 tal-20 ta' Novembru 2015, fejn ladarba d-dokument huwa pubbliku u ladarba huwa wkoll aċċessibbli mis-sit elettroniku, għandu jimxi ma' din il-proċedura u għandu jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, b'mod rakkomandabbli mis-Sedja, kopja stampata tad-dokument sabiex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija. U dan b'referenza għal kull avviż li jkun hemm fil-PQ indikata, liema avviż huwa li l-Ministru qed jgħid li l-pjanti li ġew sottomessi taħt l-applikazzjoni tal-MEPA PA01238/15, ladarba dawn qegħdin f'sit elettroniku għandu jiġi rakkomandat li jpoġġihom ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra. Dan biex anke l-Kamra jkollha l-informazzjoni kollha miġbura u f'każ li għal xi raġuni l-Ministru ma jistax jagħmel dan, allura l-Membru Parlamentari, f'dan il-każ l-Onor. Ċensu Galea, għandu jiġi pprovdut minnufih b'direzzjoni dwar kif ikun jista' jasal hu għal dik l-informazzjoni pubblika rikjesta. Din hija d-deċiżjoni fuq l-ewwel parti tar-*ruling*.

Niġi issa għat-tieni parti tar-*ruling* li tikkonċerna l-kwestjoni dwar min huwa responsabbli biex jirrispondi tliet mistoqsijiet li diġà saru fuq il-*clamping*. Peress li s-Sedja issa hija kkonfortata bir-risposta tal-Onor. Carmelo Abela għad-domanda 20645 li b'mod ċert tgħid hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-ministeru kkonċernat huwa l-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.",

għalhekk, is-Sedja tistenna li r-risposta għandha issa tingħata mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u f'każ ta' xi diffikultà, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għandu jagħti spjegazzjoni fir-risposta tiegħu.

Ir-*rulings* huma deċiżi.